**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.**

**Illum il-Gimgha, 8 ta' Marzu 2002**

**Numru** 11
**Citaz. Nru.** 1180/96 FDP

**Carmel Chircop**

**Vs**

**Middle Sea Insurance Company Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-kumpanija konvenuta dahlet f'kuntratt ta' assigurazzjoni ma' l-attur u dan biex tforni kopertura assigurativa lill-istess kontra r-riskji ta' serq fuq id-dghajsa ta' l-attur li ghandha n-numru PTF 90;

Premess illi gara li nsterqu diversi oggetti mill-istess lanca, u dan fit-23 ta' Settembru, 1995, meta kienet ankrata fil-bajja ta' San Giljan;

Premess illi meta giet infurmata l-kumpanija assiguratrici dwar il-fatti li graw, u li ghalhekk avverat ruhha s-sitwazzjoni li l-kumpanija konvenuta kienet obbligata li tkopri u thallas id-dannu soffert mill-attur u dan in forza tal-kuntratt ta' assigurazzjoni, l-istess kumpanija konvenuta naqset li taghmel dan, u dan billi indikat bhala raguni li makkinarju importanti kellu jithallas biss parti minnu jew spiza inferjuri ghal dak li verament jiswa;

Premess li l-kuntratt ta' assigurazzjoni huwa ta' *uberrimae bonae fidei*, u l-kumpanija konvenuta qed tonqos mill-obbligu taghha li thallas l-ammont ta' erba' mija u erba' liri [Lm404] bilanc tat-telf li minnhom diga` tnaqqas l-ammont ta' Lm50 ta' l-"excess";

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tikkundanna lill-istess socjeta` konvenuta ghall-hlas lill-attur tas-somma ta' erba' mija u erba' liri [Lm404] bilanc tat-telf li minnhom diga` tnaqqas l-ammont ta' Lm50 ta' l-"excess" liema somma tirrappresenta d-dannu soffert mill-attur meta nsterqu diversi attrezzi mid-dghajsa tieghu assigurata PTF 90 kif fuq intqal, kontra liema riskju l-kumpanija konvenuta assigurat lill-istess attur;

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali mid-data meta gara d-dannu kopert bl-assigurazzjoni u cioe` mid-data ta’ l-akkadut u cioe` id-29 ta’ Settembru, 1995;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta li fiha eccepiet:-

1. Illi t-talba attrici kienet inutli u vessatorja stante li l-kumpanija eccipjenti kienet offriet b'diversi modi, anki permezz ta' *reinstatement* li tindenizza lill-attur ghat-telf in kwistjoni, pero` dawn l-offerti gew ingustament irrifjutati;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, is-somma mitluba kienet ezagerata stante li skond il-ligi senjatament l-Artikolu 403 (2) tal-Kodici tal-Kummerc "l-assigurazzjoni tiswa sa l-ammont tal-valur ta' l-oggetti assigurati";

Ghamlet ukoll riserva ghal eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess socjeta` konvenuta, u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat in-noti pprezentati mill-abbli difensuri;

Semghet ix-xhieda prodotti u lill-avukati;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha fil-process;

Ikkonsidrat:-

Illi l-attur intavolta din il-kawza fejn talab li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallsu s-somma ta' Lm404 in forza ta' polza ta' assigurazzjoni li huwa kien hareg fuq id-dghajsa tieghu u diversi attrezzi li kienu fuqha;

Illi minn naha taghha s-socjeta` konvenuta eccepiet illi kienet offriet li tindenizza lill-attur ghat-telf in kwistjoni pero` huwa rrifjuta dawn l-offerti taghha; u illi f'kull kaz it-talba minnu mitluba kienet ezagerata;

Illi rrizulta pacifiku li favur l-attur inharget polza ta' l-assigurazzjoni fl-1 ta' Awissu 1994 fuq il-Marine Hull tad-dghajsa bin-numru PTF 90 ghall-valur ta' Lm4000; aktar tard dak ix-xahar huwa ottjena wkoll polza ta' l-assigurazzjoni mhux biss ghal Hull imma anki ghal diversi oggetti li jintuzaw fuq dghajsa simili u fil-fatt hallas id-differenza fil-*premium* mitlub. Irrizulta illi s-sena ta' wara jigifieri f'Awissu 1995 huwa hallas ukoll ir-*renewal* ta' l-istess polza izda ftit gimghat wara jigifieri fit-23 ta' Settembru 1995 sehhet serqa fuq id-dghajsa tieghu u instabu nieqsa apparat Loran, boxla, batterija, u kaxxa ta' l-ghodda. Ghal dawn l-attur talab li jigi kompensat fl-ammont ta' Lm455.40 li minnhom pero` kellhom jigu mnaqqsa Lm50 *excess* u ghalhekk l-ammont minnu miltub huwa Lm405.40;

Illi wara li saret il-*claim* u sar l-istudju taghha, il-kumpanija konvenuta accettat li thallas l-intier ta' dawn l-oggetti kif assigurati hlief ghall-apparat tal-Loran illi ghalih huma riedu joffru biss is-somma ta' Lm100. Dina l-offerta ma gietx milqugha mill-attur u ghalhekk waslu ghac-citazzjoni odjerna;

Illi skond l-affidavit tal-*claims manager* tas-socjeta` konvenuta huwa spjega li huma kienu offrew is-somma ta' Lm100 kontra t-Lm300 mitluba mill-attur, li kien l-ammont ta' l-assigurazzjoni, "*minhabba l-fatt li dan l-istrument fid-data tat-telf in kwistjoni kien sar pratikament inutilizzabbli, u ghalhekk il-valur monetarju tieghu tbaxxa hafna*"; din l-offerta saret ghalkemm il-*broker* li kien ressaq il-polza kien "*ahna ssuggerejna fifty percent settlement peress li l-Loran receivers xorta jibqa' jkollhom xi valur*";

Illi ghalhekk il-kwistjoni li ghandha tigi ezaminata minn din il-Qorti hija dwar il-korrettezza tad-dikjarazzjoni tal-kumpanija konvenuta li l-istrument Loran fid-data ta' meta gie misruq kienx jew le pratikament inutilizzabbli;

Illi l-kumpanija konvenuta eccepiet ukoll illi kienet offriet "*reinstatement*" pero` mill-atti tal-kawza rrizulta li l-apparat li kien qed jigi offrut lill-attur in sostituzzjoni, ma kienx l-istess bhal dak assigurat;

Illi skond ir-rapprezentant tas-socjeta` li minghandha gie akkwistat l-apparat in kwistjoni,

huwa kkonferma illi meta hareg il-*quotation* tieghu fis-26 ta' Settembru 1995, jigifieri immedjatament wara s-serqa, huwa "*nikkonferma li l-prezz tieghu kien Lm390. Dan it-tip ta' apparat ahna konna nbieghuh regolarment.*" Zied jghid ukoll "*Illi nikkonferma li dakinhar li jiena hrigt dina l-quotation jiena kont ghadni nbiegh minn dan l-apparat imsemmi.*";

Illi l-kumpanija konvenuta tibbaza l-attitudini taghha ghall-allegazzjoni illi s-sistema utilizzata mil-Loran jigifieri dik minn stazzjonijiet terrestri, giet superata minn dik tas-sistema GPS illi tirreferi direttament lis-satelliti;

Illi ghalkemm irrizulta ampjament illi din l-ahhar sistema kienet qeghda tkun preferita mill-utenti minhabba l-precizjoni superjuri taghha, ezami tad-dokumenti esebiti ma jhallix dubju illi fil-granet meta grat is-serqa, is-sistema Loran kienet ghadha tista' tigi applikata u dan senjatament minn dokumenti ufficjali illi gew esebiti;

Illi ghalhekk ma hemmx dubju illi l-attur kellu dritt illi dakinhar li ghamel il-*claim* jew ftit wara, jigi ndenizzat b'mod xieraq, b'mod li huwa seta' jpoggi lilu nnifsu ezattament fil-posizzjoni fejn kien qabel is-serqa; anke fit-Technical Bulletin mahrug mis-socjeta` produtrici f'Ottubru ta' l-1995 ikkonfermat illi ghalkemm kien hemm tibdil fl-istazzjonijiet "*Some chains are beings replaced and new chains are being created. The net result will be an improved Loran-C system with a wider coverage than before.*";

Illi dwar l-eccezzjoni relattiva ghall-ammont mitlub, il-Qorti hija sodisfatta illi ghalkemm l-attur kien ilu juza dak l-apparat ghal diversi snin pero` rrizulta wkoll li kien hemm awment fil-prezz ta' l-apparat fil-mument tas-serqa u ghalhekk l-ammont mitlub jidher gust;

Illi l-Qorti ma tistax ma tirrelivax ukoll il-fatt illi proprju ftit granet qabel is-serqa, is-socjeta` konvenuta kienet accettat il-*premium* ghat-tigdid tal-polza in kwistjoni, liema polza kienet tindika b'mod car it-tip ta' apparat li kien qed jigi assigurat.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Wara li tichad l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta` konvenuta;

Tilqa' t-Talba Attrici u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' erba' mija u erba' liri Maltin (Lm404) kif mitlub fic-citazzjoni.

L-ispejjez u l-imghaxijiet jithallsu mis-socjeta` konvenuta.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur